**25 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Rossignaud ne.

*versus*

George Muscat

**"Relief" — Rifużjoni — Art. 26 tal-Att VII tal-1956.**

*L-artikolu tal-liġi dwar l-Għajnuna Soċjali li jikkontempla d-dritt tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, li jiġbor lura dak li jkun ħallas bħala għajnuna soċjali minn għand il-persuni ndikati fl-istess liġi, li jistgħu u huma legalment obligati jmantu lill-persuna megħjuna, għandha tiġi nterpretata fis-sens illi, meta d-Direttur jidhirlu li hemm persuni li huma kapaċi u huma skond il-liġi tenuti jmantnu lill-persuna megħjuna, huwa għandu d-dritt tal-azzjonijiet alternattivi, cjoè li jġiegħel lil dawk il-persuni jmantnu lil dik il-persuna, jew jirrifondulu dak li huwa jkun ħallas lil dik il-persuna bħala għajnuna, skond jekk ikunx ħallas jew le lilha manteniment bħala assistenza. Imma fl-istess ħin ma tfissirx illi, meta d-Direttur jagħżel waħda minn dawn l-azzjonijiet, il-qraba minnu persegwitati huma neċessarjament obligati li jħallsu; għax huma għandhom id-dritt jagħmlu l-provi li jidhrilhom biex juru, jew li ma humiex kapaċi jħallsu il-manteniment, jew li mhumiex obligati għal dan il-ħlas skond il-liġi, jew iż-żewġ ħwejjeġ flimkien.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jingħataw il-provvediment opportuni, peress illi d-Dipartiment rappreżentat mill-attur ħallas għajnuna soċjali lil Vittoria Muscat mart il-konvenut fl-ammont ta' £51, fir-rata ta' £1 fil-ġimgħa għall-perijodu mill-ewwel ta' Jannar 1958 sat-23 ta' Diċembru 1958 inkluživament; u peress illi l-attur nomine deherlu illi l-istess konvenut kien obligat, u seta', iħallas dan l-ammont għat-termini tal-art. 26 tal-Att VIII tal-1956; talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur fil-kwalità tiegħu fuq indikata s-somma ta' £51, dovuta kif intqal fuq għal daqstant ieħor imħallas

bħala assistenza soċjali lill-imsemmija Vittoria Muscat għall-1958 sat-23 ta' Diċembru 1958. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' April 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-konvenut issolleva l-kwistjoni ta' natura legali, li minnha jiddependi jekk din l-istess Qorti għandhiex jew le tisma l-provi minnu offerti;

Illi l-kwistjoni legali sollevata tirraġġira ruħha dwar il-portata u l-interpretazzjoni tas-sezzjoni 26 tal-Att numru VIII tal-1956, kif emendat bl-Attijiet l-oħra numru VII u XIX tal-1957, u partikolarment dwar x'jimpurtaw u x'inhuma l-effetti tal-kliem "who are able and legally liable to etc." kontenuti f'dik l-istess sezzjoni — kwistjonijiet li ma jaqblux dwarhom iż-żewġ kontendenti;

Illi sabiex din il-Qorti, li ġiet invitata teżamina u tiddirimi l-kwistjonijiet insorti, tkun tista' taqdi dmirha, sejra tagħmel użu mit-test tal-liġi miktub bl-ingliż; l-għaliex, fil-ħsieb konsiderat tagħha, it-test malti ma jaqbelx perfettament miegħu, u, kif huwa risaput, meta bejn iż-żewġ testi hemm diskordanza sostanzjali, għandu jkollu prevalenza t-test tal-liġi mniżżel bl-ingliż;

Illi s-sezzjoni 26 tal-liġi "de qua dicimus", li tikkontempla l-jedd għall-ġbir lura ta' għajnuna ("right or recovery of assistance"), taħseb u tgħid:— "When it appears to the Director that any person in respect of whom social assistance is claimed or received under this Act has relatives, being his spouse, father, mother or children, who are able and legally liable to maintain him, the Director (Director of Emigration, Labour and Social Welfare) may take proceedings against such relatives before the competent Civil Court to compel them either to supply maintenance to such person, or to refund any such assistance paid to or on behalf of such person";

Illi, skond il-konvenut, il-kliem "able and legally liable" ma jimpurtawx li dik id-determinazzjoni tad-Direttur għall-operazzjoni tas-sezzjoni msemmija fil-persuna tal-qraba hi assoluta u insindakabbli, l-għaliex jista' jagħti l-każ li wieħed minnhom (qraba), li kontra tiegħu tiġi promossa l-kawża, sew għall-għoti tal-manteniment sew għall-ħlas tal-assistenza li jkun ħareġ id-Dipartiment, ikun fil-fatt kapaċi u abbli li jmantni l-assistit, imma għal xi raġuni valida fil-liġi mhux legalment responsabbli, għaliex l-assistit ikun waqa' f'xi nuqqas li jirrendieh mhux intitolat għall-manteniment minn għand dik l-istess persuna partikulari. Il-konvenut, wara li enunċja l-prinċipju oppożitorju tiegħu, ip-partikolarizza l-ħsieb tiegħu in relazzjoni għall-każ in diżamina, billi qal li, peress li l-konvenut kien bl-ittra uffiċjali tal-31 ta' Diċembru 1957 intima lill-martu, li ġiet assistita mill-mexxej tal-Att in kwistjoni, biex tirritorna fid-dar tiegħu, hija bla ġusta kawża baqgħet ma rritornatx permanentement fid-dar magħżula minnu, b'mod li skond l-art. 6 tal-Kodiċi Ċivili ġiebet iċ-ċessazzjoni tar-responsabbiltà tiegħu għall-għajxien; u ladarba, skond il-liġi komuni, iċ-ċessa fiha dak l-obbligu, li huwa pront jipprova il-fattijiet li kkreawh, huwa mhux tenut irodd dak li d-Direttur ħallas lil-martu, svestita mill-liġi minn dak l-istess dritt;

Illi mill-banda l-oħra l-attur nomine jidher li qiegħed isostni li d-dritt jew jedd għall-ġbir lura ta' għajnuna huwa riżervat fakoltattivament fil-mexxej tal-Att in kwistjoni, li huwa d-Direttur (kif definit fl-art. 2 tal-istess Att menzjonat), u kwindi donnu ried jinduċi li l-istess Direttur seta', bil-poter li tagħtieh il-liġi, jaġixxi kontra l-qraba li l-istess Direttur fid-diskrezzjoni prudenzjali tiegħu huma kapaċi u skond il-liġi responsabbli li jmantnu lill-persuna assistita;

Illi dan id-dissens profond bejn il-kontendenti jimponi eżami tas-sezzjoni in parola fl-isfond tal-iskop tal-Att fuq imsemmi;

Illi l-iskop ġenerali tal-Att fuq imsemmi huwa li l-persuni u membri tal-kommunità li jkunu fil-bżonn, jew li jkunu morda, jiġu mill-Istat sokkorruti u megħjuna, kif jidher mill-art. 3 tal-liġi u mid-dispożizzjonijiet fil-korp ta' l-Att

direttament (sezzjonijiet 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11), u indirettament (sezzjoni 16, 17, 19); u dan apparti mit-titolu ġenerali tal-istess Att. Din l-għajnuna sojali u medika, li dari kienet prinċipalment imħollija fl-idejn u fil-volontà ta' korpi partikulari u membri ndividwali tas-soċjetà, li għadhom sal-lum kristjanament u umanament, u mhux ġa kostrettivament, jeżerċitawha, ġiet ukoll assunta mill-Istat, li rradika fil-persuni li jiġu f'dik in-neċessità miżura ta' dritt sabiex jottjenuha;

Illi fid-dawl tal-iskop tal-liġi in parola u tad-dispożizzjonijiet partikulari tagħha, jingħad li s-sezzjoni in parola għandha tiġi nterpretata fis-sens li fl-ipotesijiet imsemmija fl-istess dispost, meta lid-Direttur ikun jidhirlu li hemm persuni li huma kapaċi u skond il-liġi tenuti għall-manteniment, huwa għandu d-dritt tal-azzjonijiet alternattivi, skond jekk ikunx ħallas jew le l-manteniment bħala assistenza. Dan id-dritt fakoltattiv mhux tali li, ladarba d-Direttur jagħmel waħda mill-azzjonijiet kwindi neċessarjament il-qraba persegwitati huma kapaċi u legalment obligati jħallsu. Infatti, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, meta d-Direttur jagħżel l-ewwel azzjoni alternattiva (dik li jagħmel azzjoni quddiem dil-Qorti sabiex il-qraba jkunu kostretti jħallsu l-manteniment), kieku kien minnu li d-diskrezzjoni qegħdha dwar il-kapaċità u r-responsabbiltà tal-alimentant fid-Direttur insindakabbilment, l-azzjoni tirriduċi ruħha għal sempliċi farsa, u l-leġislatur seta' mill-ewwel jiddisponi li d-Direttur eżekuttivament jaġixxi għall-manteniment — dak li huwa mhux naturali u illoġiku taħseb, kif ukoll inċivili;

Illi kwindi, meta l-alimentant deżinjat mid-Direttur jiġi jew persegwitat b'azzjoni biex iħallas il-manteniment, jew biex irodd lura dak li d-Direttur ikun ħareġ bħala assistenza, għandu d-dritt iġib il-quddiem provi tant sabiex juri li mhuwiex kapaċi, kemm li ma huwiex legalment responsabbli, kemm iż-żewġ oppożizzjonijiet f'daqqa;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tammetti lill-konvenut iġib il-

quddiem provi in sostenn tat-teżi tiegħu, li huwa ma kienx legalment tenut, għall-perijodu msemmi, jagħti u jissomministra ebda alimenti lill-martu; bl-ispejjeż tal-inċident għall-attur nomine; u tordna illi l-kawża titkompla fil-meritu wara li jgħaddi ż-żmien tal-appell minn din id-determinazzjoni.